**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta' Gunju 2021**

Rikors Numru: 393/20 AL

A B C

vs

D E

(M.R. numru 982/1993)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993) (Ara Dok A-ċertifikat taż-żwieġ anness) u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal F E (DT: 11/9/1994) u G E (DT: 4/7/1996), li illum huma maġġiorenni.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Andre Farrugia mill-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u seba' (2007) (Ara Dok B anness.)

3. Illi m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom tlettax (13)-il sena mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma’ persuni oħrajn/ familji ġodda;

4. Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju stante li t-tfal huma issa maġġorenni, u in oltre l-partijiet ddekadew definittivament għal kull jedd tagħhom li jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin u dan skont l-anness kuntratt ta’ separazzjoni personali (ara klawsola 1)

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat bejn il-partijiet fit-tnax (12) ta’ Ġunju tas-sena elf disa’ mija u tlieta u disgħin (1993);

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta’ Novembru, 2020;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :
Semghet lill-intimat ma pprezentax risposta izda deher fis-seduta tas-26 ta’ Mejju, 2021 u fuq domanda tal-Qorti wieġeb li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Mejju tal-2007;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.